MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 85/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Alexander Miruzzi)
Vs
Michael Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Micdor Co. Limited u/jew bhala l-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar Eko Kontribuzzjoni (Att XII ta' l-2004) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet nhar il-Hamis 4 ta' Gunju, 2009, f'Dainty Clothing & Footwear Store, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, u/jew kien qed jaghmel uzu minn basktijiet li ma jikkonformawx ma' l-obbligazzjonijiet elenkati fir-Raba' Skeda ta' l-imsemmi Att, u cioe' li kienu mankanti mid-dettalji li kellhom ikollhom stampati fuqhom, u dan bi

ksur ta’ Artikoli 16(1) u 9B ta’ l-Att dwar l-Eko Kontribuzzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 16(1) u 9B ta’ l-Att dwar l-Eko Kontribuzzjoni, sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ elf Euro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Marzu 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant minn kull htija w piena w dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi waqt is-smiegh ta’ dawn il-proceduri in prim istanza, l-prosekuzzjoni ddikjarat illi hija kienet taf bil-perjodu tranzitorju miftiehem mal-GRTU u dan gie kkonfermat ukoll kemm mix-xhieda tal-appellant kif ukoll mix-xhieda tar-rapprezentant tal-GRTU Joe Attard li waqt ix-xhieda tieghu u wara li kkonferma illi l-appellant huwa membru tal-istess Union, spjega kif huwa stess kien responsabbli ghal dan il-ftehim mal-Ministeru u mad-Dipartiment tal-VAT u li permezz tieghu l-Kummissarju s-sur Joe Sammut, bil-barka tal-Ministeru tal-Finanzi kien ikkonferma illi l-membri tal-GRTU setghu izommu ammont zghir ta’ basktijiet ghal qadi tal-klijentela taghhom dment li dawn ma jkunux eccessivi, fis-sens illi tal-hwienet setghu jzommu forsi mija jew mitejn basket sakemm jaslu l-basktijiet konfromi mal-Ligi;
2. Illi l-ispezzjoni li waslet sabiex ittiehdu l-proceduri fil-konfront tal-appellant in prim’istanza saret fl-4 ta’ Gunju, 2009 ossija tlett xhur wara li dahlet fis-sehh il-ligi msemmija;

3. Illi waqt is-smiegh tal-provi rrizulta ukoll illi minhabba d-dewmien fil-kunsinna tal-basktijiet il-godda konformi, l-appellant kellu jirrikorri ghal basktijiet tal-karta sakemm waslet l-addetta kunsinna u dan stante illi l-ammont zghir ta' basktijiet li kien zamm ghall-uzu waqt il-perjodu tranzitorju patwit kien sahansitra spicca;
4. Illi madanakollu ghalkemm dan kollu gie spjegat u kkonfermat kemm mid-difiza kif ukoll mill-prosekuzzjoni, l-Qorti xorta wahda sabet lill-appellant hati u ghaddiet ghas-sentenza kif intqal aktar 'l fuq;
5. Illi l-appellant jirrileva illi huwa kien qieghed isegwi struzzjonijiet moghtija mill-GRTU in segwitu ghat-trattattivi li saru ghall-introduzzjoni tad-disposizzjonijiet dwar l-Impozizzjoni ta' Eko-kontribuzzjoni fuq Basktijiet tal-Plastik, u ghalhekk huwa instab hati ingustament wara li l-Kummissarju tal-VAT ghazel li jenforza l-imsemmija disposizzjonijiet kontra l-appellant bi ksur tal-ftehim gja milhuq;
6. Illi l-appellant jilmenta finalment illi l-istess proceduri mehudha kontra tieghu jiksru d-drittijiet tieghu naxxenti mill-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur tal-kumpanija Micdor Company Limited li tiggestixxi hanut tal-hwejjeg bl-isem ta' Dainty Clothing and Footwear Store fi Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha.

Fl-4 ta' Gunju, 2009 saret spezzjoni minn Emanuel Azzopardi, wiehed mill-ispetturi tad-dipartiment tal-VAT u hemmhekk gie nnutat klienta moghtija baskett tal-plastik mhux konformi mall-ligi. Minkejja li l-ligi kienet ghaddiet xhur qabel kien hemm esenzjoni transitorju sakemm il-persuni responsabbli jkunu jistghu jircievu basktijiet tal-karti konformi mal-ligi.

Emanuel Azzopardi xehed illi din l-esenzjoni kienet skadiet dak inhar li marru jaghmlu l-ispezzjoni fil-fond fuq imsemmi.

L-appellant qal li kien fil-process illi jircievi basktijiet godda u semma direttivi tal-GRTU.

Xehed f'dawn l-atti Joseph Attard, in rapprezentanza tal-GRTU, u kkonferma illi kien hemm perjodu transitorju bejn id-dhul tal-ligi u perjodu mhux definit fuq ftehim verbali fejn min hu responsabbli jkun ghamel l-ordnijiet ghall-basktijiet tal-karti ghad li dawn ma jkunux gew supliti lilu. Il-persuna responsabbli trid almenu zzomm nota tad-delivery date tal-basktijiet. Meta dan ix-xhud kellem lill-appellant kien qallu li kien ghamel ordni izda dokumenti ma rax.

L-appellant qal illi fil-5 ta' April ghamel konferma tal-ordni tal-basktijiet imma jghid illi ma setax isib basktijiet biex jixtri minhabba d-domanda li jkun hemm. Il-konsenja tieghu saret fl-ahhar ta' Gunju.

Ikkunsidrat :

Illi fost l-aggravji illi semma l-appellant ilmenta minn ksur tad-dritt tieghu naxxenti mill-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-artikolu jipprotegi l-liberta` ta' ghaqda u assocjazzjoni, cioe` d-dritt li persuna jinghaqad pacifikament u liberament ma' persuni ohra u jiffurmaw jew jappartjenu lil trade union jew union jew assocjazzjonijiet ohra ghal protezzjoni tal-interessi taghhom.

Minkejja dan l-ilment imkien ma rrizulta mill-atti illi dan id-dritt gie b'xi mod lez lill-appellant. Fil-fatt anki fit-trattazzjoni tieghu l-Avukat tal-appellant ma jsemmi xejn dwar dan l-ilment u ghalhekk il-Qorti ma tarax kif, f'dawn ic-cirkostanzi tista` b'xi mod tilqa` dan l-ilment tal-appellant li kellu xi drittijiet kostituzzjonali tieghu mhedda jew miksura.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu rrizulta ampjament ippruvat illi l-appellant dak inhar kien qieghed jaghti lill-klienti tieghu basktijiet tal-plastik mhux konformi mal-ligi. Dak inhar ukoll illi saret l-ispezzjoni fl-4 ta' Gunju, 2009 l-esenzjoni moghtija bhala perjodu transitorju meta s-sidien

tal-hwienet kellhom jaghmlu l-ordnijiet u jircievu l-basktijiet tal-karti kien skada.

L-appellant jghid illi huwa gie prekluz milli jkun konformi mal-ligi peress illi s-supplier tieghu ma kkonsenjalux il-basktijiet tal-karti fil-perjodu transitorju minkejja illi hu kellu l-konferma tal-ordni fil-5 ta’ April 2009.

Mis-sensiela tad-dokumenti esebiti mill-appellant imkien ma tidher din il-konferma tal-ordni li kien ghamel ghall-fornitura ta’ basktijiet tal-karti.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax toqghod fuq semplici dikjarazzjoni tal-appellant minghajr prova dokumentarja.

Ikkunsidrat :

Illi ma hemmx dubju li l-appellant kien jaf minn ferm qabel illi kienet se tidhol il-ligi li kienet tirrekjedi d-distruzzjoni tal-basktijiet tal-plastik li kellhom jinbidlu bil-basktijiet tal-karti.

Il-Qorti tirrealizza illi seta` kien hemm perjodu transitorju bejn il-pubblikazzjoni tal-ligi u l-inforzar taghha, f’liema perjodu s-sidien tal-hwienet kellhom ikunu f’posizzjoni illi jircievu l-basktijiet tal-karti li jkunu konformi biex meta l-ligi tkun fis-sehh dawn ikunu lesti, izda jidher illi l-appellant ha daqsxejn fit-tard peress illi anki kieku kellna nemmnu d-dikjarazzjoni tieghu illi fil-5 ta’ April 2009 ghamel il-konferma tal-ordni dana kien tard wisq sabiex fi zmien xahar jigi supliet b’dik l-ordni mehud in konsiderazzjoni d-domanda kbira illi kien hemm dak iz-zmien. Din hija turija ta’ traskuragni illi zgur m’ghandhux ibati ghalih l-erarju.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet tali apprezzament ezaminat il-provi kif ukoll l-argumenti tal-Ewwel Qorti u jidhrilha illi dawna

kienu ragjonevoli u legali, ghalhekk mhux il-kaz li tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------